# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 7 ta' Mejju, 2001.**

**Numru 25**

**Citaz. Nru. 580/01GV**

**V & F Portelli & Sons Ltd.**

**vs**

**Super Master Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi s-socjeta' konvenuta hija vera cert u likwidu debitrici tas-socjeta attrici fis-somma ta' tlett elef, hames mija u sebgha u sittin lira u tnejn u tletin centezmu (Lm3,567.32), dovuta bhala prezz ta' meterjal mibjugh u konsenjat (Dok. A);

Premess illi ghalkemm interpellata biex thallas dan l-ammont is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti;

Premess illi fil-fehma tas-socjeta' attrici, is-socjeta' konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet xi ggib ghat-talbiet attrici kif jirrizulta mill-anness affidavit Dok. B;

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti:

1. Tiddecidi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini tal-artikoli 167 et seq. tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara lis-socjeta' konvenuta vera cert u likwidu debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma ta' tlett elef hames mija u sebgha u sittin lira u tnejn u tletin centezmu (Lm3,567.32) dovuta bhala prezz ta' oggetti mibjugha u konsenjata;

3. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma fuq indikata.

Bl-ispejjez, bl-imghax legali mid-data tal-konsenja kontra s-socjeta' konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta' konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet l-avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata; Fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta tiddecidi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**